# Rapport Annwali 2019

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Din l-ewwel edizzjoni ġiet ippubblikata fl-2020 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Librerija Pubblika Ċentrali, Triq Prof. Joseph Mangion, il-Furjana, FRN1800
*ktieb.org.mt*

Stampat: Gutenberg Press

Disinn: Steven Scicluna

Drittijiet tat-test © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Drittijiet tar-ritratti © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

ISBN: 978-99957-939-3-7: Rapport Annwali 2019 (verżjoni stampata).

Kull dritt ta' pubblikazzjoni huwa miżmum mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.
*Dal-ktieb qed jitqassam b'xejn u allura ma jistax jinbiegħ. Jista' jissellef, jingħata bħala donazzjoni jew jiġi riprodott f'xi parti minnu. Ma jistax jiġi riprodott f'xi parti minnu jew b'mod sħiħ f'kull tip ta' forma jew b'kull mod ieħor jekk qabel ma jintalabx il-permess lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.*

Il-Kunsill
Nazzjonali
Tal-Ktieb

# *Kontenut*



Il-messaġġ tal-Kap Eżekuttiv *3*

Il-Kungress Nazzjonali tal-Kittieba *8*

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb *10*

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb *14*

Xogħol Internazzjonali u Esportazzjoni Letterarja *18*

Fieri Internazzjonali tal-Kotba u Avvenimenti Oħra *22*

Il-Fond Malti tal-Ktieb *24*

Produzzjonijiet Awdjoviżivi *26*

Konkorsi *28*

Inizjattivi Oħra *30*

Rapport Finanzjarju *32*

ISBN & ISMN *36*

Ħlas għall-Jeddijiet tas-Self Pubbliku *68*

# *Dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-entità pubblika li tieħu ħsieb l-industrija tal-kotba f'Malta b'għadd ta' servizzi importanti. Il-Kunsill dan jagħmlu billi jħabrek biex jippromwovi l-qari u l-ktieb bħala mezz ta' komunikazzjoni fil-forom varji tiegħu. Nirrappreżentaw lill-kittieba u lill-pubblikaturi fi mkejjen u istituzzjonijiet pubbliċi sabiex immexxu 'l quddiem l-interessi tal-imsieħba fl-industrija tal-kotba; norganizzaw il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fost inizjattivi oħra fuq skala iżgħar; namministraw il-Jeddijiet tas-Self Pubbliku; invaraw diversi konkorsi letterarji; u aħna wkoll l-aġent lokali għall-ISBN u l-ISMN.

Id-dispożizzjoni mentali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hi waħda primarjament kulturali u multimedjali, u b'dawn jirnexxilna naħdmu ma' msieħba differenti biex nilħqu għanijietna. Bħala entità, il-KNK jaqa' taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u minn dejjem kien parti importanti mill-infrastruttura edukattiva pubblika. Malta Libraries, li hija l-entità pubblika li tieħu ħsieb il-libreriji pubbliċi u l-Bibljoteka Nazzjonali, hija separata iżda naħdmu mill-qrib flimkien.

*www.ktieb.org.mt*

*Indirizz*
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Il-Librerija Pubblika Ċentrali
Triq Prof. Joseph J. Mangion
Il-Furjana FRN1800
Malta (UE)

*Telefown*
+356 27131574 | +356 21222654 | 27300672

**L-istaff u l-kuntatti**

*Kap Eżekuttiv*
Mark Camilleri

*Deputat Kap Eżekuttiv*
Norbert Bugeja

*Segretarju*
Joe Debattista
joe.debattista@gov.mt

*Membri fil-Kunsill*
Antoinette Borg
Jean Paul Borg
Maria Brown
Leanne Ellul
Aleks Farrugia
Audrey Friggieri
Chris Gruppetta

*Senior Manager*
Simona Cassano
simona.cassano@ktieb.org.mt

*Manager (Avvenimenti u Drittijiet ta' Barra)*
Matthew Borg
matthew.borg@ktieb.org.mt

*Manager (Fondi u Kontenut)*
Andrew Ricca
andrew.ricca@ktieb.org.mt

*Uffiċjal tal-ISBNs*
Michael Mercieca
michael.mercieca@gov.mt

*Traduttur għall-Għarbi*
Walid Nabhan

Il-Kunsill Nazzjonali Tal-Ktieb

# *Il-messaġġ tal-Kap Eżekuttiv*

Is-sena 2019 kienet sena b'ħafna sfidi, madankollu l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kompla jikber mis-sena ta' qabel. Kien hemm żieda ta' 80% fil-fondi pubbliċi allokati lill-Kunsill għall-ispiżi rikorrenti meta mqabbla mas-sena ta' qabel, jiġifieri €910,000, u €600,000 f'fondi kapitali għar-restawr ta' binja tal-Gvern fi 8, Triq Zekka, il-Belt Valletta.

Għalaqna s-sena bi kriżi nazzjonali li qatt ma rajna bħalha, li affettwat fil-fond l-aspetti kollha tas-soċjetà Maltija, fosthom l-ekonomija - u l-industrija tal-kotba. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħassar iċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb f'Kastilja, il-post minn fejn jaħdem il-Prim Ministru, fejn tradizzjonalment kienet issir. Id-deċiżjoni ttieħdet wara li uffiċjali għolja fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ġew implikati fil-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Din id-deċiżjoni kienet appoġġjata unanimament mill-imsieħba fl-industrija tal-kotba, minkejja l-effetti ekonomiċi negattivi tagħha. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kien ukoll l-ewwel entità pubblika li ċċelebra formalment il-kisbiet ta' Daphne Caruana Galizia b'avveniment waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb fl-2018.

Wieħed mill-għanijiet tagħna hu li nżidu d-dħul tal-imsieħba fl-industrija, l-aktar meta qed nitkellmu dwar il-pubblikaturi u l-awturi. Iż-żieda sostanzjali fil-fondi tas-sena l-oħra pprovdewna bl-opportunità li ninvestu aktar fil-marketing u l-produzzjonijiet awdjoviżivi, kif ukoll żidna l-premjijiet għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb - li għandhom ikunu diġà tqassmu meta jiġi ppubblikat dan ir-rapport. It-twettiq tal-istrateġija tagħna miexi tajjeb u dan grazzi għas-sapport finanzjarju pubbliku. Nistqarr li kelli r-riżervi tiegħi dwar nies ġodda burokratiċi li ddaħħlu jaħdmu fid-Dipartiment tal-Finanzi tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Dawn il-ħsibijiet leħħinthom pubblikament biex tissaħħaħ il-pożizzjoni awtonoma tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u nista' nikkonferma li aktar tard kollox issolva kif suppost.

*Il-Kap Eżekuttiv*
Mark Camilleri



L-industrija tal-kotba ġiet affettwata ħażin minħabba n-nuqqas ta' bejgħ mill-ħwienet tal-kotba tradizzjonali, u kien hemm żewġ fatturi li taw ftit nifs lil dan l-iżvantaġġ: iż-żieda fil-bejgħ tal-kotba waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u x-xiri ta' kotba tal-iskola li sar mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb baqa' jżomm kull sena żieda fil-bejgħ mill-2014 'l hawn, għalkemm il-bejgħ fl-edizzjoni tal-2019 baqa' stabbli u ma tħarrikx minn dik tal-2018. Parti minn dir-raġuni kienet li dis-sena kellna norganizzaw festival mingħajr biċċa kbira sew mis-Sala Sagra Infermerija f'Dar il-Mediterran peress li kienet qed tiġi restawrata. Minkejja dan kollu, irnexxielna naħdmu billi użajna Sala Repubblika (li tiflaħ 1,200 persuna) għax-xows tat-tfal.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb se jkun qed jaffaċċja sfidi serji fis-snin li ġejjin. Sala Repubblika, fejn għamilna x-xows il-kbar, mhux se nkunu nistgħu nużawha għax ingħatat lil Cirque du Soleil - avveniment issussidjat pubblikament mill-Ministeru tat-Turiżmu mmexxi minn dak li kien Ministru tat-Turiżmu, Konrad Mizzi, illum diżonorat. Il-pożizzjoni tagħna ċarissima f'dar-rigward. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-aktar klijent regolari u konsistenti ta' Dar il-Mediterran, anki fi żmien meta konna f'riċessjoni. Għalhekk nistennew li din il-lealtà tkun reċiproka u nitħallew nużaw kull sala tal-post fl-ewwel ġimagħtejn ta' Novembru meta l-Festival tradizzjonalment isir. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa avveniment ta' importanza nazzjonali u l-Gvern missu jweżinna aktar billi jdaħħal leġiżlazzjoni sussidjarja li tkun tippermettilna li dawn id-dati jkunu bbukkjati permanentament għalina b'mod esklussiv. Ilħaqna anki fehim informali ma' ŻiguŻajg biex id-dati tagħna ma jaħbtux.

Fis-sena 2019 konna mħabbtin sew bix-xogħol leġiżlattiv u politiku tagħna. Għall-ewwel darba fl-istorja, laqqajna l-Kungress Nazzjonali tal-Kittieba u ppreżentajna karta ta' drittijiet tal-awtur li ġiet approvata unanimament. Waqt il-kungress wegħedna lill-pubblikaturi inċentivi fiskali biex ikunu jistgħu jħallsu l-ħlas dovut lill-awturi tal-użu ta' xogħolhom. Il-wegħda tagħna tinsab fit-triq it-tajba biex isseħħ: il-leġiżlazzjoni tal-inċentivi fiskali lill-pubblikaturi ġiet abbozzata u qed nistennew il-pubblikazzjoni tagħha mill-Ministeru tal-Finanzi.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ġie fdat ukoll mill-Gvern biex jikteb mill-ġdid il-liġi tad-drittijiet tal-awturi biex tkun konformi mad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali. Din id-direttiva tal-UE mistennija taffettwa sewwa l-industrija tal-ktieb u huwa fl-interess tagħna li naraw li t-traspożizzjoni tad-direttiva ssir b'mod



li tkun ta' ġid għalina. Diġà hemm ftehim informali bejn il-pubblikaturi u l-Ministeru tal-Edukazzjoni dwar l-Education Exception, miftiehma mill-KNK, u l-ftehim bejn iż-żewġ naħat imsemmija mistenni jiġi ffirmat fl-2020.

Fl-2019 il-Kunsill irċieva l-ewwel allokazzjoni kapitali sabiex jirrestawra l-bini barokk tas-seklu 16 fil-Belt. Irnexxielna nipprevjenu milli l-binja tiġġarraf għalkollox: ix-xorok tal-injam tas-saqaf ta' fuq ixxaqqu u biċċiet imdaqqsin tal-ġebel bdew jaqgħu. Il-fażi restawrattiva tas-saqaf miexja ġmielha u għandha tkun lesta sal-bidu tas-sena d-dieħla. Intopp ewlieni għall-proġett huwa l-proċess burokratiku fid-Dipartiment tal-Kuntratti u d-Dipartiment tal-Prokuri tal-Ministeru. Sfida oħra hi l-fatt li għad fadal żewġt ikmamar isfel li għad iridu jgħaddu f'idejn il-Ministeru tal-Edukazzjoni. Id-Dipartiment tal-Artijiet u l-Awtorità tad-Djar qed jaħdmu flimkien biex isibu kenn għal anzjana li tgħix f'waħda minn dawn il-kmamar. Jalla d-dipartimenti li semmejt jibqgħu jaħdmu magħna biex niffinalizzaw il-proċess. L-għan ewlieni tagħna huwa li nibdlu dan il-palazz f'ċentru ġdid ta' bejgħ b'ħanut tal-kotba ffukat kulturalment, mużew tal-letteratura u l-uffiċini tal-KNK; li jsir ċentru tal-kotba mdawwar minn bini storiku sabiħ.

Żammejna d-daqqa pożittiva fix-xogħol l-ieħor bħalma huma l-esportazzjonijiet letterarji u t-traduzzjonijiet. Il-letteratura Maltija kibret u marret lil hinn mill-fruntieri żgħar tagħna. Lou Drofenik kienet waħda mill-aktar awturi li mexxejna fl-2019 flimkien ma' rebbieħa oħra tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Bis-saħħa ta' aktar fondi pubbliċi se nkunu nistgħu nestendu dax-xogħol li sa issa kien ta' suċċess. Barra minn dan, għall-ewwel darba, il-KNK ikkummissjona film sħiħ ibbażat fuq rumanz rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.

Kburi ngħid ukoll li fl-2019 saħħaħna t-tim organizzattiv tal-Kunsill b'ħaddiema u msieħba ta' talent li jistgħu jiggarantixxu kontinwità u tkabbir. Għas-sena l-ġdida l-pjanijiet huma li ninvestu aktar fir-riżors uman sabiex nikkonsolidaw lit-tim u nikbru.

Meta nħares lura lejn l-2013, is-sodisfazzjon li nħoss huwa inkredibbli. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb inbidel minn tikka ta' dipartiment għal entità b'saħħitha u influwenti li ssostni l-industrija tal-ktieb u tipproteġi l-interessi tal-pubblikaturi u l-awturi. Se nibqgħu nistinkaw biex nimplimentaw il-viżjoni tagħna sabiex jiżdied id-dħul tal-imsieħba bis-saħħa tal-proġetti tagħna, u anki biex niżguraw li l-industrija tal-kotba tikber u tmantni lilha nnifisha. Ħerqanin għall-2020. Se naħdmu fuq ir-rekwiżiti legali u sinifikattivi li hemm bżonn ħalli nsostnu bl-aħjar mod lill-industrija u nkunu nistgħu naffaċċjaw l-isfidi tagħha.

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb inbidel minn tikka ta' dipartiment għal entità b'saħħitha u influwenti li ssostni l-industrija tal-ktieb u tipproteġi l-interessi tal-pubblikaturi u l-awturi. Se nibqgħu nistinkaw biex nimplimentaw il-viżjoni tagħna sabiex jiżdied id-dħul tal-imsieħba bis-saħħa tal-proġetti tagħna, u anki biex niżguraw li l-industrija tal-kotba tikber u tmantni lilha nnifisha**

# *Il-Kungress Nazzjonali tal-Kittieba*

Fl-14 ta' Settembru, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) ippresieda l-ewwel Kungress Nazzjonali tal-Kittieba. Dan kien avveniment storiku f'Malta, għax iltaqgħu għall-ewwel darba aktar minn sittin kittieb biex kollettivament jirrikonoxxu d-drittijiet ekonomiċi tagħhom. Il-Kungress u l-Karta tad-Drittijiet Ekonomiċi tal-Kittieba — approvata b'mod unanimu waqt il-Kungress — jikkostitwixxu pass ieħor importanti 'l quddiem fl-istrateġija fit-tul tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb biex terġa' titqajjem u tiġi regolarizzata l-industrija lokali tal-kotba. Ħamsa u sebgħin awtur li ma setgħux jattendu l-Kungress ippreżentaw l-approvazzjoni tagħhom għall-Karta tad-Drittijiet Ekonomiċi tal-Kittieba bil-miktub.

Il-Karta tal-Kittieba sservi ta' gwida fir-rigward tad-Direttiva 2019/790 li ġiet adottata riċentement dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u t-traspożizzjoni tagħha fil-liġi Maltija. Id-Direttiva tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur tipprovdi opportunità għall-partijiet ikkonċernati biex jikkonsolidaw u jġeddu r-relazzjonijiet ekonomiċi tagħhom. Minbarra li tenfasizza l-importanza ta' kuntratt bil-miktub bejn l-awturi u l-pubblikaturi, il-Karta tad-Drittijiet Ekonomiċi tal-Kittieba tipprovdi lill-awturi b'definizzjoni tad-drittijiet ekonomiċi tagħhom u tistipula drittijiet minimi u bażiċi fir-rigward ta' rimunerazzjoni ġusta fid-dawl tad-direttiva tal-UE.

Il-Karta tal-Kittieba ġiet abbozzata wara laqgħat estensivi ta' konsultazzjoni li l-KNK kellu mal-kittieba u diskussjonijiet mal-pubblikaturi u mal-Bord tal-Kunsill. Din għandha l-għan li tħares id-drittijiet tal-awturi, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura relazzjoni stabbli u koeżiva bejn il-partijiet interessati kollha fl-industrija. Il-KNK huwa addizzjonalment impenjat biex ikompli jaħdem lejn l-introduzzjoni ta' inċentivi fiskali ta' benefiċċju għall-industrija tal-pubblikazzjoni. Sabiex ikompli jappoġġja s-settur, ittieħdet ukoll azzjoni biex jitneħħa l-ħlas għas-servizz tal-ISBN. Bl-istess mod, il-KNK jinkoraġġixxi lill-pubblikaturi u lill-partijiet interessati kollha sabiex jaderixxu mal-kontenut tal-Karta tal-Kittieba; il-parti l-kbira tal-pubblikaturi diġà qed jagħmlu

Il-Kungress laqqa' aktar minn sittin kittieb biex flimkien jirrikonoxxu d-drittijiet ekonomiċi tagħhom



*Il-KNK ħerqan li mill-Kungress tibda ssir laqgħa annwali, u li jipprovdi pjattaforma għall-kittieba biex jipparteċipaw fil-politika tal-Gvern li tolqothom direttament*

dan u josservaw l-obbligi tagħhom lejn l-awturi.

Il-Kungress tal-Kittieba approva wkoll b'mod unanimu t-tieni mozzjoni li ssejħet għat-tisħiħ tal-istatus legali u l-awtonomija tal-KNK billi tiġġedded il-liġi sussidjarja tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 327.580) f'Att tal-Parlament. Il-KNK ħerqan li mill-Kungress tibda ssir laqgħa annwali, u li jipprovdi pjattaforma għall-kittieba biex jipparteċipaw fil-politika tal-Gvern li tolqothom direttament.





# *Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb*





Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-ogħla premju letterarju mogħti lil awturi, pubblikaturi u illustraturi għal kotba ppubblikati f'Malta matul is-sena ta' qabel. Il-lista tal-finalisti u l-kotba rebbieħa fit-tmien kategoriji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u s-sitt kategoriji tal-Premju Terramaxka huma magħżula minn bord indipendenti ta' aġġudikazzjoni sabiex jiżgura l-ogħla livell ta' trasparenza.

Permezz tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb il-KNK jirrikonoxxi l-isforzi kontinwi tal-pubblikaturi u l-awturi sabiex jgħollu l-profil tal-letteratura Maltija u r-riċerka ppubblikata. In-numru kbir ta' sottomissjonijiet din is-sena jirrifletti xena letterarja b'saħħitha, li juri għal darb'oħra li r-riformi fil-proċess tal-aġġudikazzjoni u ż-żidiet fil-valur tal-Premju li saru matul dawn l-aħħar snin kellhom l-effett mixtieq li jagħtu prestiġju ulterjuri lill-Premju u jinkoraġġixxu lil aktar awturi jissottomettu x-xogħol tagħhom għall-evalwazzjoni. Fl-2019 il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka rċevew 147 sottomissjoni, 55 minnhom intgħażlu bħala finalisti – 34 ktieb fil-kategoriji għall-adulti, u 21 għall-Premju Terramaxka.

Mal-bqija tal-kategoriji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb din is-sena żdiedet il-kategorija ta' Letteratura Mhux Fittizja għal xogħlijiet ta' proża li jinkludu kitba tal-ivvjaġġar, bijografiji, memoirs u esejs, u żdied ukoll premju ġdid ta' Poeta Lawreat. Wara li jitħabbar il-Premju, il-KNK jimplimenta programm ta' promozzjoni tal-kotba rebbieħa kemm lokalment, permezz ta' preżentazzjonijiet u donazzjonijiet ta' kotba, u anki internazzjonalment bi promozzjoni barra mill-pajjiż u l-finanzjament tat-traduzzjoni tagħhom.

Il-premju prestiġjuż għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba ngħata lil Dr Alfred Sant, filwaqt li l-Premju għall-Aqwa Kittieb Emerġenti ngħata lil Gioele Galea. Maria Grech Ganado rebħet il-Premju għall-Poeżija bil-ġabra tagħha *Framed* (Merlin Publishers). Bħala r-rebbieħa tal-Premju għall-Poeżija fl-2000, fl-2006 u fl-2015, hija wkoll l-ewwel benefiċjarja tal-Premju Poeta Lawreat. Il-ktieb rebbieħ fil-kategorija 'Riċerka Ġenerali' kien *Il-Maltin: Għemilhom, Drawwiethom, Ġrajjiethom; It-Tieni Volum* ta' Steve Borg, ippubblikat minn Klabb Kotba Maltin, filwaqt li *Fortress Colony: The Final Act 1945-1964; Vol. 4 1961-1964* ta' Joseph M. Pirotta (Midsea Books), rebaħ fil-kategorija 'Riċerka Bijografika u Storjografika'. Marie Briguglio u Steve Bonello rebħu l-kategorija tal-Letteratura Mhux Fittizja bil-ktieb *No Man's Land: People, Place & Pollution* (Kite Group). *Parallel Existences: The Notarial Archives: A Photographer's Inspiration* ippubblikat minn Kite Group irċieva l-Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb.

Il-kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka rċevew il-premjijiet matul iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb f'Novembru 2019.

Żvilupp sinifikanti ta' din is-sena kien il-valur monetarju ta' kull premju. Ir-rebbieħa f'kull kategorija tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb ingħataw is-somma ta' €4,000 minflok l-€1,000 li ngħataw fis-snin ta' qabel, u l-għan tagħna huwa li nerġgħu nżiduhom fil-futur qarib.






▲
Persuni distinti u rebbieħa tal-Premju Terramaxka għal kotba ppubblikati fl-2018. Lista sħiħa ta' rebbieħa ssibha fil-paġni li ġejjin.

# *Il-kotba finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2019 u l-Premju Terramaxka*

## Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2019

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
**Castillo** *ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*
**The Reluctant Healer** *ta' Lou Drofenik (Horizons)*
**Kulħadd Barra Fajża** *ta' John P. Portelli (Horizons)*

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
**365** *ta' Trevor Żahra (Merlin Publishers Ltd.)*
**Fuq Widnejn Torox: U Stejjer Żbukkati Oħra** *ta' Rita Saliba (Klabb Kotba Maltin)*
**Il-Fiera tal-Fuħħar: U Stejjer Oħra** *ta' Joe Friggieri (Kite Group)*
**Ħjut** *ta' Rita Saliba (Horizons)*
**Inkontri ta' Kuljum** *by John P. Portelli (Horizons)*
**Minn Żmien l-Għerien** *ta' Lina Brockdorff (Horizons)*

Poeżija bil-Malti u bl-Ingliż
**Bil-Boqxiex** *ta' Louis Briffa (self-published)*
**Framed** *ta' Maria Grech Ganado (Merlin Publishers)*

Letteratura mhux fittizja bil-Malti u bl-Ingliż
**Chambers of Memory: Roaming the Mansions of Mnemosyne** *ta' Richard England (Kite Group)*
**No Man's Land: People, Place & Pollution** *ta' Marie Briguglio, Steve Bonello (Kite Group)*

Traduzzjoni
**Passjoni Sempliċi** *ta' Toni Aquilina (Faraxa Publishing)*
**Antigona** *ta' Toni Aquilina (Faraxa Publishing)*
**Il-Metamorfosi** *ta' Emmanuel Cutajar (Faraxa Publishing)*
**Mewt Ġo Venezja** *ta' Alfred Palma (Horizons)*

Riċerka ta' natura ġenerali
**Il-Maltin: Għemilhom, Drawwiethom, Ġrajjiethom It-Tieni Volum** *ta' Steve Borg (Klabb Kotba Maltin)*
**The Apostolato of the Order of St John at the Cathedral of Malta** *ta' Ġwann Azzopardi (Mdina Cathedral Chapter)*
**A History of Għarb** *ta' Charles Cini (Salesians of Don Bosco (Malta))*
**An Encyclopedia of Artists with a Malta Connection** *ta' Antonio Espinoza Rodriguez, Albert Ganado (Fondazzjoni Patrimonju Malti)*
**Goal: The Official Encyclopaedia of the Malta Football Association** *ta' Carmel Baldacchino (Horizons)*
**Fl-Arena ta' Moħħu: Victor Fenech – Esperimenti Stilistiċi u Protesta Soċjali** *by Charles Briffa (Horizons)*

Riċerka bijografika u storjografika
**Humillima Civitas Vallettae: From Mount Xebb-er-ras to European Capital of Culture** *ta' Godwin Vella (Heritage Malta Publishing, Malta Libraries)*
**Marco Largi ovvero Carlo Magri: Drammaturgo Maltese (1617–1693) - Vita e Opere** *ta' Mario Pace (Midsea Books Ltd.)*
**Fortress Colony: The Final Act 1945–1964; Vol. 4 1961–1964** *ta' Joseph M. Pirotta (Midsea Books Ltd.)*
**Francesco Azopardi (1748–1809): Maltese Classical Composer and Theorist** *ta' Dion Buhagiar (Faraxa Publishing)*
**The Official Colours of Malta: Recording Malta in WWII** *ta' Caroline Miggiani (Kite Group)*
**Giuseppe (De)Brincat: A Gozitan Wine Merchant (1890s–1930)** *ta' Michael Refalo (Kite Group)*
**Trevelyan and Fedden: Encounters with Malta and Gozo** *ta' Lawrence Pavia (Fondazzjoni Patrimonju Malti)*
**Adeodata Pisani: A Mystic in Mdina** *ta' Maria Adeodata (Catherine) Testaferrata de Noto (St Peter's Monastery)*
**Maurice Caruana Curran: Guardian of Heritage and Justice** *ta' Ann Gingell Littlejohn (BDL Publishing)*
**The Wignacourt Psalter: A Medieval Carthusian Treasure in Malta** *ta' Martina Caruana, Burkard Wehner (BDL Publishing)*
**Public Women: Prostitute Entrepreneurs in Valletta, 1630–1798** *ta' Christine Muscat (BDL Publishing)*

## Premju Terramaxka 2019

Xogħlijiet oriġinali: kotba għat-tfal (etajiet 0-7)
**Il-Ħanut tal-Ħelu Li Mar Dawra** *ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*
**Ġanni Jżur Pariġi** *ta' Sherise Zammit (Merlin Publishers)*
**Frollu Jagħmel Ħabib Ġdid** *ta' Saviour Sam Agius (BDL Publishing)*
**Frollu Jsiefer** *ta' Saviour Sam Agius (BDL Publishing)*
**Frollu Jgħin fid-Dar** *ta' Saviour Sam Agius (BDL Publishing)*
**Frollu Jsib Kartiera** *ta' Saviour Sam Agius (BDL Publishing)*

Xogħlijiet oriġinali: kotba għat-tfal (etajiet 8-12)
**Avventura Abbord!** *ta' Antoinette Borg (Merlin Publishers)*
**Mill-Istorja tal-Futbol Malti** *ta' Mark Camilleri (Merlin Publishers)*
**Għand Rebus Totall (Is-Sħaħar ta' Petut 1)** *ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*
**Irvin Vella Investigatur Virtwali: Il-Każ tal-Gżejjer tat-Teżor** *ta' John A. Bonello (Merlin Publishers)*
**Lorella u l-Ġenju Li ma Kienx Jaf Jaqra** *ta' Rita Saliba (BDL Publishing)*

Xogħlijiet oriġinali: kotba għall-adolexxenti (etajiet 13-16)
**Amina** *ta' Antoinette Borg (Merlin Publishers)*

Traduzzjonijiet: kotba għat-tfal (etajiet 0-7)
**Lupu Lupettu Jrid Isir Supereroj** *ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*
**L-Annimali tar-Razzett** *ta' Rachel Portelli (Merlin Publishers)*
**L-Annimali tas-Savana** *ta' Rachel Portelli (Merlin Publishers)*
**Żgorg, Habib mid-Dinja Oħra: Finali Spazjali** *ta' Noel Tanti (Merlin Publishers)*
**Żgorg, Habib mid-Dinja Oħra: Pilota Perkażu** *ta' Noel Tanti (Merlin Publishers)*
**L-Album tal-Ewwel Sena Tiegħi** *ta' Sherise Zammit (Merlin Publishers)*

Traduzzjonijiet: kotba għat-tfal (etajiet 8-12)
**Missjoni: Insalvaw il-Pjaneta l-Blu** *ta' Dwayne Ellul (Merlin Publishers)*
**Il-Ħbieb tal-Annimali Taqsima Investigattiva: Il-kelb ifittex lil sidu** *ta' Mark Vella (Merlin Publishers)*
**Il-Ħbieb tal-Annimali Taqsima Investigattiva: Sparixxew il-qtates!** *ta' Mark Vella (Merlin Publishers)*

# *Rebbieħa tal-Premju Terramaxka 2019*

Xogħlijiet oriġinali: kotba għat-tfal (etajiet 0-7)
**Il-Ħanut tal-Ħelu Li Mar Dawra** *ta' Clare Azzopardi / illustrated ta' Matt Stroud (Merlin Publishers)*

Xogħlijiet oriġinali: kotba għat-tfal (etajiet 8-12)
**Irvin Vella Investigatur Virtwali: Il-Każ tal-Gżejjer tat-Teżor** *ta' John A. Bonello (Merlin Publishers)*

Xogħlijiet oriġinali: kotba għall-adolexxenti (etajiet 13-16)
**Amina** *ta' Antoinette Borg (Merlin Publishers)*

Traduzzjonijiet: kotba għat-tfal (etajiet 0-7)
**L-Annimali tas-Savana: Il Verità Kollha fuq l-Annimali** *ta' Rachel Portelli (Merlin Publishers)*

Traduzzjonijiet: kotba għat-tfal (etajiet 8-12)
**Missjoni: Insalvaw il-Pjaneta l-Blu** *ta' Dwayne Ellul (Merlin Publishers)*

Traduzzjonijiet: kotba għat-tfal (etajiet 13-16)
Ma kienx hemm sottomissjonijiet

L-aqwa produzzjoni ta' ktieb
**BDL Publishing** *għal Lorella u l-Ġenju Li ma Kienx Jaf Jaqra ta' Rita Saliba*

# *Rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2019*

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
**365** *ta' Trevor Żahra (Merlin Publishers)*

Poeżija bil-Malti u bl-Ingliż
**Framed** *ta' Maria Grech Ganado (Merlin Publishers)*

Letteratura mhux fittizja bil-Malti u bl-Ingliż
**No Man's Land: People, Place & Pollution** *ta' Marie Briguglio, Steve Bonello (Kite Group)*

Traduzzjoni
**Antigona** *ta' Toni Aquilina (Faraxa Publishers)*

Riċerka ta' natura ġenerali
**Il-Maltin: Għemilhom, Drawwiethom, Ġrajjiethom It-Tieni Volum** *ta' Steve Borg (Klabb Kotba Maltin)*

Riċerka bijografika u storjografika
**Fortress Colony: The Final Act 1945-1964; Vol. 4 1961-1964** *ta' Joseph M. Pirotta (Midsea Books Ltd.)*

Premju Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra
**Kite Group for Parallel Existences: The Notarial Archives – A Photographer's Inspiration** *ta' Alex Attard*

Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti
**Gioele Galea**

Il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Letteratura
**Dr Alfred Sant**


THE NBC
PRESENTS
MEET JUDGE
ROSEMARIE AQUILINA
7 November 2019, 8 pm
THEATRE HALL

# *Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb*

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb issa stabbilixxa ruħu bħala wieħed mill-akbar avvenimenti kulturali f'Malta relatati mal-kotba u l-qari. Fl-2019 il-Festival sar bejn is-6 u l-10 ta' Novembru f'Dar il-Mediterran.

L-għan ewlieni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb hu l-promozzjoni tal-qari u l-litteriżmu biex fl-istess ħin inħeġġu lill-viżitaturi jiltaqgħu ma' kittieba u esperti tal-letteratura, kemm dawk lokali, kif ukoll internazzjonali. Fl-aħħar snin il-Festival saħħaħ ir-reputazzjoni tiegħu bħala l-imkien ideali fejn awturi u pubblikaturi jippreżentaw xogħolhom, u fejn il-professjonisti mid-dinja tal-kotba jkunu jistgħu jiltaqgħu u jiddiskutu proġetti ġodda. Il-parteċipanti tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb jinkludu l-pubblikaturi kollha ta' Malta kif ukoll pubblikaturi, bejjiegħa tal-kotba u għaqdiet mhux governattivi internazzjonali.

Il-programm tal-attivitajiet kien fih aktar minn 90 attività mmirati għat-tfal, għall-familji, għall-professjonisti fil-pubblikazzjoni u għall-pubbliku ġenerali. Wieħed seta' jsib tnedijiet u preżentazzjonijiet ta' kotba, konferenzi u taħditiet sa drammatizzazzjonijiet, premieres ta' xogħlijiet awdjoviżivi, workshops, seminars u attivitajiet ta' divertiment għat-tfal, fost oħrajn. Dawn l-attivitajiet jittellgħu jew mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, inkella f'kollaborazzjoni mal-imsieħba u l-esebituri tal-Festival. Il-programm tal-attivitajiet tqassam lid-djar kollha f'Malta u f'Għawdex.

Il-mistiedna speċjali tal-edizzjoni tal-2019 kienet l-Imħallef Rosemarie Aquilina, li serqet ix-xena internazzjonali s-sena ta' qabel meta ppresediet il-każ ta' Larry Nassar, l-eks kowċ tat-Tim Nazzjonali Amerikan tal-Ġinnastika li nstab ħati ta' serje ta' abbużi sesswali. L-Imħallef Aquilina ġiet intervistata minn Herman Grech, l-Editur ta' Times of Malta, quddiem udjenza numeruża dwar il-karriera legali tagħha, l-attiviżmu, ir-rabta ma' Malta u anki ż-żewġ rumanzi kriminali tagħha. Ħadet sehem ukoll f'seminar u workshop li tħejja apposta għal studenti universitarji, u li kien magħmul minn panel distint li kien jinkludi lil Dr Marceline Naudi mid-Dipartiment tal-Istudju tal-Ġeneru, Dr Ruth Farrugia mill-Fakultà tal-Liġi u Dr Lara Dimitrijevic mill-Women's Rights Foundation.

Il-laqta internazzjonali tal-Festival kulma jmur qiegħda dejjem tikkonsolida lilha nnifisha bl-inklużjoni ta' awturi barranin. Il-konferenza ewlenija tal-Festival, 'Strange New Worlds', ipparteċipaw fiha Loranne Vella (Malta), Jon Courtenay Grimwood (ir-Renju Unit), Kali Wallace (l-Istati Uniti) u Dave Rudden (l-Irlanda). It-tema kienet il-letteratura fantaxjentifika u d-diskussjoni kienet immoderata minn Mark-Anthony Fenech.

2,000 student żaru l-Festival kuljum matul il-ġimgħa, u għalihom kien hemm ippreparati żewġ xows ibbażati fuq il-kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka tal-2018 mit-tim ta' Antonella Axisa. Wieħed mill-mistiedna internazzjonali tal-Festival, Dave Rudden, ta xow speċjali bl-Ingliż nhar il-Ġimgħa filgħodu. Ix-xows tad-Danusan, 'Il-Kotba Jieħdu l-Ħajja', li qed isiru dejjem aktar popolari mal-pubbliku, dis-sena kienu bbażati fuq ir-rebbieħa tal-Premju Terramaxka 2019. Ma' kull biljett li nxtara beda jingħata vawċer ta' 3€ biex jintefaq waqt il-Festival.

## Lista ta' parteċipanti fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2019

Merlin Publishers
Horizons
Friends of the National Archives of Malta
Faraxa Publishing
Kite Group
Infinity Books
Octavo
BDL
Midsea Books
EDE Books
Miller Distributors
AVC
Wise Owl Publications
Milan Haluska
Heritage Malta
SKS Publishing
Deer Publications
Central Bank of Malta Library
Ahmadija Muslim Jamaat
Warehouse Booksales
Bookends
Fondazzjoni Wirt Artna
Istituto Italiano di Cultura
Mellieħa Local Council
Martin Baron
French Embassy of Malta
Agenda Bookshop
Malta Libraries
Hela
Għaqda tal-Malti
German-Maltese Circle
CAK
Meli Bookshop
Foreign Language Learning



Il-lejla tant mistennija li fiha jintwera x-xogħol awdjoviżiv tal-KNK saret is-Sibt, filwaqt li l-Ġimgħa, li hu jum il-poeżija waqt il-Festival, tħabbru l-poeżiji rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef waqt serata speċjali. Inizjattiva ġdida għall-Festival kienet l-Inkontri Letterarji Qosra (Literary Speed Dating) ma' professjonisti fil-pubblikazzjoni. Il-kunċett tal-inkontri amorużi (speed dating) ġie adattat għal-letteratura u l-pubbliku kellu ċ-ċans li jibbukkja kwarta mal-awtur favorit tiegħu, pubblikatur, illustratur jew professjonist ieħor fl-Author's Hub f'Sala Sagra Infermerija. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa wkoll opportunità tad-deheb għall-pubbliku biex jiltaqa' ma' dawk il-persuni li kkontribwew b'mod speċjali għall-qasam tal-kotba f'Malta (ngħidu aħna r-rebbieħa tal-Premju tal-KNK għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba, Lillian Sciberras), kif ukoll awturi mill-industrija internazzjonali tal-pubblikazzjoni. Fl-edizzjoni li għaddiet kien hemm Tony u Angela Ward minn Arc Publications (ir-Renju Unit) u Sarah Davis-Goff minn Tramp Press (l-Irlanda).

Għall-ewwel darba l-pubbliku seta' juża s-servizz ta' trasport b'xejn lejn u mill-Festival. Is-servizz kien sponsorjat minn Malta Public Transport.




Il-powster tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2019 kien illustrat minn Lisa Falzon bid-disinn grafiku ta' Steven Scicluna


MALTA BOOK FESTIVAL 2019




Mintoff
Mintoff

# *Xogħol Internazzjonali u Esportazzjoni Letterarja*

Is-sena 2019 kienet sena impenjattiva għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'dak li għandu x'jaqsam mal-promozzjoni u l-esportazzjoni letterarja lil hinn minn xtutna, partikolarment fl-Ewropa u fir-reġjun Għarbi. Biċċa importanti mix-xogħol tagħna huwa li niffaċilitaw il-proċess ta' proġetti ta' pubblikazzjoni u nipprovdu fondi għat-traduzzjoni, kif ukoll li nagħmlu tajjeb għall-promozzjoni tal-letteratura Maltija billi nibagħtu awturi lokali f'festivals u fieri tal-kotba. Il-fondi għat-traduzzjoni jiġu allokati kull sena għal proġetti varji, u bħalissa qed nikkummissjonaw it-traduzzjoni tax-xogħol tal-poeta nazzjonali Dun Karm f'diversi lingwi ewlenin (l-Għarbi, it-Taljan, l-Ingliż u r-Russu). Eventwalment dawn jiġu ppubblikati barra minn Malta.

Il-Kap Eżekuttiv żar Shangai u Hong Kong fuq xogħol, fejn iltaqa' ma' pubblikaturi, innegozja proġetti ta' pubblikazzjoni u traduzzjoni. Iltaqa' wkoll mat-traduttur Malti Mark Borg. Waqt iż-żjara tiegħu n-Norveġja, mar il-Festival tal-Letteratura f'Oslo u l-Oslo Literature House mal-awtur Trevor Żahra u mat-traduttriċi Maltija-Norveġiża Kristina Quintano. Trevor Żahra pparteċipa f'serje ta' avvenimenti letterarji. Saru laqgħat ma' pubblikaturi Norveġiżi u tħejjew pjanijiet għal kotba ġodda. Il-Kap Eżekuttiv mar ukoll f'Santiago, iċ-Ċilì, għal-Laqgħa Annwali Ġenerali tal-ISBN u l-ISMN, kif ukoll żar il-Frankfurt Book Fair u ltaqa' ma' pubblikaturi, innegozja proġetti ta' pubblikazzjoni u traduzzjoni, u finalment attenda l-konferenza legali dwar id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali (DSM) tal-UE fi Trier, il-Ġermanja. Miegħu kien hemm l-avukat Timothy Spiteri li qed jgħin lill-Kunsill fit-traspożizzjoni tad-direttiva.

## Fieri internazzjonali tal-kotba u avvenimenti oħra

Il-preżenza Maltija waqt fieri internazzjonali hija element ċentrali għall-istrateġija li adotta l-KNK biex jippromwovi l-letteratura Maltija barra minn Malta. L-intenzjoni tagħna hi li nkomplu nibnu fuq ix-xogħol li jsir fil-London Book Fair u fieri oħra bħal f'Sharjah u f'Abu Dhabi, sabiex inkabbru r-repertorju ta' kuntatti professjonali u nikkonsolidaw oħrajn eżistenti. Dan jagħmilna f'pożizzjoni aħjar biex ninnegozjaw proġetti li jagħmlu sens f'isem l-awturi Maltin.

Frar kien xahar impenjattiv għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, peress li żar il-Kajr darbtejn

Clare Azzopardi, Immanuel Mifsud u Alex Vella Gera pparteċipaw waqt il-Festival tal-Letteratura fil-Kajr.




*[Xellug]* Selezzjoni ta' kotba ppubblikati Malta bil-Malti u bl-Ingliż kienu esebiti fl-istand tal-KNK u l-LAF f'Abu Dhabi, kif ukoll kotba oħra tradotti.

*[Lemin]* Leanne Ellul tiffirma kopji ta' *Gramma* bl-Għarbi waqt il-Fiera tal-Kotba fil-Kajr.




għall-Fiera tal-Ktieb u għall-Festival tal-Letteratura fil-Kajr. Organizzajna avvenimenti relatati mal-kotba u l-letteratura u nedejna l-edizzjoni Għarbija tal-kotba ta' erba' awturi Maltin rebbieħa ta' xi premju jew ieħor: Leanne Ellul nediet *Gramma* ma' Manshurat al-Rabie waqt il-Fiera tal-Ktieb fil-Kajr; Clare Azzopardi, Immanuel Mifsud u Alex Vella Gera pparteċipaw waqt il-Festival tal-Letteratura fil-Kajr waqt avvenimenti preparati apposta għalihom.

Il-Fiera Internazzjonali tal-Ktieb f'Abu Dhabi issa saret avveniment annwali għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, li jkun qed jaqsam l-istand ma' Literature Across Frontiers (LAF) - Pjattaforma Ewropea għall-Iskambju Letterarju, it-Traduzzjoni u d-Dibattiti dwar il-Politiki li t-tiri tagħha huma li jinħoloq djalogu bejn il-kulturi bis-saħħa tal-letteratura kif ukoll tintefa' l-attenzjoni fuq letteraturi li ma ġewx tradotti daqs oħrajn. Il-KNK għandu għal qalbu dir-relazzjoni u l-interessi komuni bejn iż-żewġ partijiet fil-promozzjoni ta' letteraturi iżgħar bis-saħħa tat-traduzzjoni.

F'Ottubru l-KNK żar għat-tielet darba l-Fiera Internazzjonali tal-Ktieb f'Sharjah. Dis-sena






kienet edizzjoni speċjali għax Sharjah ġiet innominata bħala l-Kapitali Dinjija tal-Ktieb mill-UNESCO. Iż-żjajjar f'din il-fiera sena wara sena qed isaħħu r-relazzjonijiet tagħna mal-pubblikaturi Għarab u jikkonsolidaw ir-relazzjoni bejniethom u bejn l-awturi Maltin.

Il-KNK intlaqa' tajjeb ħafna minn Ali Al Ameri mill-Awtorità tal-Ktieb ta' Sharjah. Ameri huwa l-Manager Editorjali ta' Publishers Weekly u l-edizzjoni Għarbija Al-Nasher Al-Usboei tal-Awtorità. Il-KNK se jikkontribwixxi f'din ir-rivista letterarja b'artikli dwar il-letteratura Maltija u l-industrija tal-ktieb f'Malta.

Pubblikaturi barranin li nedew jew se jniedu letteratura Maltija tradotta jiġu megħjuna b'diversi modi mill-KNK, u fl-aħħar sentejn iffaċilitajna t-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' 12-il ktieb fis-suq Għarbi, kif ukoll oħrajn fis-suq Brittaniku, Taljan, Russu, Norveġiż, Franċiż u Grieg. Bħalissa għandna dawn il-proġetti għaddejjin: *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* ta' Alex Vella Gera (Mahrousa), ġabra ta' novelli ta' Immanuel Mifsud jisimha *I traveled the world* (Masr El Arabia), u ġabra ta' poeżiji tal-istess awtur (Bait El Yasmine).

Il-fond għall-awturi dis-sena ntuża sabiex il-KNK jibgħat awturi Maltin biex iniedu l-kotba tagħhom maqlubin f'lingwi differenti. Ir-rebbieħ tal-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ u r-rebbieħ tal-Premju għall-Aqwa Awtur Emerġenti dejjem ikollhom iċ-ċans li jmorru seminars u rtiri tal-kittieba. F'April tal-2019 Antoinette Borg marret l-Irtir għall-Kittieba fl-Iżlanda, u Lou Drofenik żaret il-Festival tal-Letteratura f'Ubud f'Ottubru.

F'Marzu rappreżentant tal-KNK flimkien ma' Loranne Vella u Lou Drofenik baqgħu sejrin Brussell wara l-London Book Fair. Hemmhekk tellajna żewġ avvenimenti msejħin 'Maltese Literature Nights', li fihom l-awturi msemmija qraw mix-xogħlijiet tagħhom u kellhom diskussjonijiet ma' kittieba barranin oħra. L-avvenimenti saru fil-ħanut tal-kotba Librebook-Bruxelles, li jispeċjalizza f'letteratura mid-dinja kollha, il-biċċa l-kbira letteratura tradotta.







▲

[Mix-xellug għal-lemin] Lou Drofenik, Loranne Vella u Antoine Cassar waqt is-seminar organizzat fil-Literary Translation Centre fil-fiera, li kien immoderat mit-traduttriċi Jen Calleja. Antoine Cassar ħa sehem ukoll f'sessjonijiet ta' qari ta' poeżija fil-Poetry Pavillion.



Rappreżentant ieħor tal-KNK mar iċ-Ċilì u l-Arġentina mal-awtur Alex Vella Gera. Hemmhekk tnieda l-ktieb *Trojan* bl-Ispanjol li kien maqlub minn Antoine Cassar.

Aktad tard fis-sena, waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, tnieda *Sotto il Fuoco*, il-verżjoni Taljana tad-djarju tal-gwerra ta' Ġużè Ellul Mercer, *Taħt in-Nar*. Saret ukoll preżentazzjoni tal-ktieb darbtejn f'Sirakuża, u ġiet ippjanata serje ta' preżentazzjonijiet mill-pubblikatur Editore Morrone flimkien mat-traduttriċi Isabella Ellul Mercer Cefai. Il-preżentazzjonijiet huma ppjanati għas-sena 2020.

## The London Book Fair

The London Book Fair hija waħda minn dawk l-opportunitajiet li l-KNK ma jitlifx biex jesebixxi l-letteratura Maltija. Fil-fiera jkollna l-istand f'post strateġiku, u dis-sena rġajna kellna selezzjoni wiesgħa ta' letteratura Maltija tradotta, ħafna mill-kotba kienu rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb (PNK).

Għall-ħames sena konsekuttiva, il-KNK ħa sehem f'The London Book Fair, fiera li ttul tlitt ijiem fis-sena u ssir fl-Olympia f'Kensington. Fl-2019 saret bejn it-12 u l-14 ta' Marzu, u ġabret taħt saqaf wieħed l-aktar pubblikaturi, aġenti tal-kotba u negozjaturi tad-drittijiet tal-awtur importanti fid-dinja.

Ir-rappreżentanti tal-KNK kellhom diversi laqgħat professjonali ma' pubblikaturi u msieħba oħra barranin li wrew interess fil-letteratura Maltija u riedu jkunu jafu aktar dwar id-dritttijiet tal-awtur u dwar għamliet ta' kollaborazzjonijiet oħra. F'isem l-awturi Maltin, il-KNK ressaq u ppreżenta xogħolhom fil-kuntest tas-suq li minnu kien ġej il-pubblikatur interessat. Minn dal-lat il-London Book Fair dejjem tkun esperjenza ta' tagħlim għalina li tiġġedded kull sena.

Mal-KNK kien hemm il-poeta u traduttur Antoine Cassar, rebbieħ tal-PNK għall-Poeżija fl-2018 bil-ktieb Erbgħin Jum; il-kittieba, traduttriċi u performer ibbażata fi Brussell Loranne Vella, li rebħet il-PNK fl-2018 għar-Rumanzi bil-ktieb *Rokit*; u l-kittieba Maltija-Awstraljana Lou Drofenik li rebħet il-PNK għar-Rumanzi fl-2017 b' *The Confectioner's Daughter*. Antoine Cassar, Loranne Vella u Lou Drofenik, flimkien mal-kittieba u traduttriċi bbażata f'Londra Jen Calleja, ipparteċipaw f'seminar fil-Literary Translation Centre fil-fiera. Is-seminar kien jismu 'The Maltese Literary Scene: Exporting an emerging literature – author diaspora, transnational readership, bilingualism and translingual narratives, translation challenges'. Antoine Cassar ħa sehem f'żewġ sessjonijiet ta' qari ta' poeżija minn Malta fil-Poetry Pavillion. Darba qara minn *Erbgħin Jum* u xogħlijiet oħra tiegħu, u darb'oħra qara xogħol ta' poeti oħra bħal Nadia Mifsud Mutschler, Immanuel Mifsud u Claudia Gauci, fost oħrajn ewlenin.

L-istand tal-KNK inqasmet mal-istampaturi lokali Gutenberg Press Limited, u l-Kunsill jixtieq jirringrazzjahom tal-għajnuna fil-loġistika u biex intramat l-istand.

# *Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus*





Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus iseħħ kull sena fl-aħħar ta' Marzu fil-Kwadranglu tal-Università ta' Malta u jista' jitqies bħala t-tieni l-ikbar festival organizzat mill-KNK wara l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

Dan il-festival isarraf f'wieħed mill-aktar xogħlijiet kollaborattivi tal-Kunsill, u dan anki fl-istess linja tal-ħsieb Ewropew dwar ix-xogħol kollaborattiv. Il-popolarità u r-reputazzjoni tiegħu mal-istudenti kulma jmur qegħdin jiżdiedu. Il-Festival huwa mmirat għall-udjenza matura tal-Università u jsir b'ħidma mal-Għaqda tal-Malti - Università. L-għan hu li noffru pjattaforma lill-pubblikaturi u l-għaqdiet studenteski biex jippromwovu l-prodotti tagħhom jew jipparteċipaw b'attivitajiet kulturali. Minbarra l-bejgħ tal-kotba, hemm programm ta' attivitajiet varjat li jippromwovi l-letteratura lil hinn mill-aspett kummerċjali tagħha.

L-avvenimenti kollha jiġu ppjanati b'tali mod li joffru lill-istudenti u lil-letturi spunti ġodda dwar dak li diġà jitgħallmu tul is-sena akkademika tagħhom. Il-programm tal-attivitajiet tal-2019 kien ippjanat b'dan f'moħħna: diskussjonijiet li jkunu mmexxija minn esperti fis-suġġett u b'togħma differenti sabiex l-istudenti jersqu lejn is-suġġett minn angolu differenti u allura jindirizzawh b'mod ġdid u kritiku. Qari, tnedijiet ta' kotba, preżentazzjonijiet u intervisti ma' awturi lokali u internazzjonali kienu biss uħud mill-attivitajiet li seħħew wara xulxin taħt it-tinda tal-Festival. L-edizzjoni tal-2019 rat żieda fl-udjenza u kummenti pożittivi mingħand l-akkademiċi u l-istudenti li attendew. Dan apparti l-kollaborazzjoni ta' suċċess li kien hemm mal-entitajiet differenti, fosthom mal-Arkivji Notarili ta' Malta, mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, mad-Dipartiment tal-Filosofija, tal-Malti, tal-Istudji tal-Ġeneru, tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Istudji fl-Interpretar, u tas-Soċjoloġija, biex insemmu ftit minnhom. Il-pubblikaturi u d-distributuri li pparteċipaw kienu BDL, EDE Books, Faraxa Publishing, Horizons u SKS. Bosta għaqdiet studenteski ħadu sehem, imma ta' min isemmi l-parteċipazzjoni tal-Għaqda tal-Malti - Università u DESA.

Kull edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus ikollha mistieden internazzjonali. Is-sena l-oħra kellna lill-poeta u akkademiku Brittaniku Rod Mengham, u l-idea wara l-għażla tiegħu kienet li jikber l-apprezzament tal-poeżija. Mengham ħa sehem f'attivitajiet tul it-tlitt ijiem tal-Festival, fosthom waqt klabb tal-kotba mal-istudenti li kien ibbażat fuq wieħed mill-kotba akkademiċi u tal-poeżija tiegħu, u intervista mal-Kap tad-Dipartiment tal-Ingliż Prof. James Corby.

Il-Librerija tal-Università fetħet il-bibien tagħha tul il-Festival biex tilqa' studenti u viżitaturi oħra għal dawra mal-bini tagħha, speċjalment imkejjen li normalment ma jkunux aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali, ngħidu aħna s-sezzjoni tal-Melitensja. Dawn kienu opportunitajiet uniċi għal studenti u studenti prospettivi li xtaqu jiffamiljarizzaw ruħhom mal-aktar għodda importanti għar-riċerka li wieħed isib l-Università.

*Is-sitt edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus saret fil-Kwadranglu tal-Università mis-27 sad-29 ta' Marzu. Ix-xogħol kollu sar bi sħab bejn il-KNK u l-Għaqda tal-Malti – Università.*



▲ Wieħed mill-avvenimenti organizzat taħt it-tinda tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus. It-tinda tintrama eżatt fil-qalba tal-Kwadranglu tal-Università ta' Malta.

Novità għall-edizzjoni tal-2019 kienet esebizzjoni artistika ta' taħżiżiet u pitturi ta' qxur ta' kotba, u l-għan tagħha kien li tinftiehem aħjar dil-fażi importanti fil-proċess tal-pubblikazzjoni. 'Minn Taħżiża għal Qoxra' esebiet ukoll il-kotba li tagħhom kien hemm it-taħżiża jew il-pittura (rumanzi, poeżija u kotba tat-tfal), u allura l-pubbliku seta' jifhem kemm il-proċess kreattiv tal-artist, u anki kif issarraf fil-prodott finali mitbugħ.



# *Il-Fond Malti tal-Ktieb*

Il-Fond Malti tal-Ktieb huwa inizjattiva tal-KNK sabiex nixprunaw tkabbir fis-suq lokali tal-kotba. Il-Fond iġorr €40,000 u huwa miftuħ għall-kittieba u l-pubblikaturi. Il-Fond jista' jitqies bħala estensjoni tal-ħsieb olistiku tal-Kunsill dwar ix-xena tal-kotba lokali, billi jfittex li jikkontribwixxi għall-iżvilupp letterarju u l-arti tal-pubblikazzjoni billi jinvesti fl-iżvilupp artistiku u skulari tal-awturi u l-pubblikaturi.

Il-Fond jinkludi żewġ tipi ta' għotjiet: għall-Pubblikazzjoni u għall-Edukazzjoni. Il-proġetti magħżula jistgħu jieħdu sa massimu ta' €5,000.

L-Għotja għall-Pubblikazzjoni maħsuba primarjament biex tissussidja pubblikazzjonijiet ta' kwalità li għandhom valur kulturali u edukattiv għoli imma li, fil-kuntest tas-suq lokali, mhumiex meqjusa bħala kummerċjalment vijabbli, u allura hemm ċans li ma jiġux ippubblikati. Il-Fond Edukattiv maħsub biex jipprovdi appoġġ finanzjarju għal individwi u kumpaniji li jixtiequ jsiefru biex jattendu workshops jew programmi edukattivi relevanti għall-pubblikazzjoni jew għall-kitba tagħhom.

**Il-Fond Malti tal-Ktieb huwa inizjattiva tal-KNK sabiex nixprunaw tkabbir fis-suq lokali tal-kotba**

Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-Fond Malti tal-Ktieb 2018-19 infetħet fil-5 ta' Diċembru 2018 u għalqet fit-18 ta' Frar 2019. Irċevejna 32 applikazzjoni għall-għotja għall-pubblikazzjoni minn awturi u pubblikaturi lokali.

Dis-sena total ta' tlettax-il proġett intgħażlu għall-fondi minn ġurija indipendenti magħmula minn Mario Ellul, Andrei Vella Laurenti u Charles Calleja. Il-proġetti kollha applikaw għall-għotja għall-pubblikazzjoni u wieħed minnhom irċieva finanzjament sħiħ. L-amministraturi tal-fondi tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jibqgħu jsegwu l-progress ta' dawn il-proġetti sabiex jassiguraw li jitlestew.

Numru ta' proġetti magħżula diġà ġew ippubblikati sal-aħħar tal-2019, fosthom *L-Ispettur Bonnici: It-Triloġija* (Klabb Kotba Maltin) ta' Mario Philip Azzopardi, *Imkejjen u Rkejjen* (EDE Books) ta' Kristina Borg, *Beltin: Stejjer minn nies minsija* (Merlin Publishers) ta' Ramona Depares, Żewġ drammi: *Appuntamenti / Repubblika* ta' Simone Spiteri u *Why Malta* ta' Narcy Calamatta u editjat minn Iggy Fenech.

# *Il-Fond Malti tal-Ktieb 2018-19 - Proġetti magħżula*

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* Mintoff (1916-2012) – Biography (EN) ta' Mark Montebello
*Applikant:* Joseph Borg
*Għotja:* € 5,000.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* A translation of The Diary of Anne Frank
*Applikant:* Joanne Micallef
*Għotja:* € 4,000.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* A translation into English of Aenesidemus Vol. 1
*Applikant:* John Grech
*Għotja:* € 4,000.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* Il-Majjistra u t-twelid fil-komunità Maltija fis-seklu 20
*Applikant:* Janice Caruana
*Għotja:* € 4,000.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* No Man's Land: A journey around Marsamxett and the Grand Harbour
*Applikant:* Kristina Borg
*Għotja:* € 4,000

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* Bil-Bieb Mitbuq – a translation of Huis Clos
*Applikant:* Kevin Saliba
*Għotja:* € 3,500

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* Għaliex Commedia? Għaliex Malta?
*Applikant:* Narcy Calamatta
*Għotja:* € 3,000.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* Rakkont dwar tfal fi djar tat-tfal
*Applikant:* Sandra Hili Vassallo
*Għotja:* € 2,500.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* Appuntamenti / Repubblika Immakulata – Żewġ Drammi
*Applikant:* Simone Spiteri
*Għotja:* € 2,500.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* Beltin: Stejjer minn Nies Minsija
